MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Numru. 440/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs
Mario Mifsud bin Alfred u Imperia nee' MIcallef, imwieled fit-28 ta' Dicembru, 1964 u residenti fil-fond BLK 7,
Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, Malta, detentur
tal-karta tal-identita' numru 34665(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Mario Mifsud li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Gunju, 2008 ghal habta ta' 16:10hrs fil-bajja ta' Santa Marija, Kemmina, saq 'outboard dingy' f'zona riservata ghal ghawm;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkuza ma tirrizultax ippruvata peress illi l-uniku xhud imressaq mill-Prosekuzzjoni lanqas jidher li kien cert minn fejn ghadda l-imputat bid-dingy. Inoltre hemm kunflitt ta' provi;

Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------